**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Lulju, 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 765/2007GM**

**Paul Galea u martu Emmanuela sive Lillian Galea, Joseph Galea u martu Rita Galea, u b'digriet tal-11 ta' Frar 2014 l-atti tal-kawża għaddew f'isem ir-rikorrenti Paul Galea (ID17665M) u martu Emanuela sive Lillian Galea (ID331568M); Joseph Galea (ID238343M), Carmelo sive Charles Galea (ID266870M), Mario Galea (ID297966M) u martu Annunzjata sive Nancy Galea (ID364670M) minħabba l-mewt ta' Rita Galea li mietet fil-mori tal-kawza, Carmelo sive Charles Galea u Mario Galea u martu Annunziata sive Nancy Galea**

**vs**

**Avukat Dr Wayne Pisani LL.D.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ppreżentat fis-16 ta' Lulju 2007 li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew illi:-

Huma s-sidien ta' diversi porzjonijiet tar-raba u immobbli oħra tal-art magħrufa bħala Ta' Ċinċli fil-Bidnija limiti tal-Mosta, liema porzjonijiet ta' raba u immobbli, huma aċċessibbli min sqaq privat in komuni ma' terzi.

Ilhom fil-pussess tal-imsemmi sqaq għal aktar minn ħamsin sena.

Il-konvenut b'mod unilaterali, klandestin u mingħajr ebda pre-avviż, waqqa' parti mill-ħajt diviżorju tal-isqaq u għamel xogħol ta' kostruzzjoni fejn oriġinarjament kien hemm il-ħajt diviżorju u f'dawn l-ahhar xahrejn u ezattament fis-16 ta' Mejju 2007 u fil-ġranet ta' qabel saħansitra bena wkoll fl-istess sqaq li minnu l-atturi kellhom il-pussess twil, kontinwu u mhux interrott u dan bil-konsegwenza illi l-atturi ġew spussessati mill-pussess li kienu jgawdu tal-imsemmi sqaq.

Dan l-aġir illeċitu jikkostitwixxi spoll vjolenti, klandestin u riċenti fil-konfront ta' l-atturi, a tenur ta' l-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili u a tenur ta' l-istess, għandhom dritt jitolbu mingħand il-konvenut li jiġu ri-integrati fil-pussess ta' dan l-isqaq.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u reċenti fil-konfront ta' l-atturi billi bena fuq is-sit ta' l-isqaq li jagħti aċċess għal proprjeta u għar-raba magħrufa bħala Ta' Ċinċli fil-Bidnija limti tal-Mosta.

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien li għandu jiġi ffissat min din l-Onorabbli Qorti jirriprestina l-isqaq li jagħti aċċess għal proprjeta' u għar-raba ta' l-atturi magħrufa bħala Ta' Ċinċli fil-Bidnija limiti tal-Mosta fl-istat li kienet qabel ma' l-atturi ġew spoljati u dana anke okkorrendo taħt is-superviżjoni tal-perit li għandu jiġi nominat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tawtorizzahom sabiex, fin-nuqqas tal-konvenut u a spejjez ta' l-istess konvenut, jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji u dan taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi, jekk ikun il-każ u fi żmien qasir u perentorju;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. It-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.
2. It-talbiet tal-atturi huma insostenibbli billi ma jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll tentata mil-atturi u billi ma huwiex minnu illi l-esponenti kkommetta spoll fil-konfront tal-atturi.

3. Ix-xogħlijiet li għalihom saret riferenza mil-atturi fir-rikors promotur tagħhom ma sarux la fis-16 ta' Mejju 2007 u l-anqas fix-xahrejn preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni.

4. Il-atturi qatt ma kellhom il-pussess esklussiv tat-triq riferita bħala l-isqaq fir-rikors promotur.

5. Ix-xogħol eżegwit mill-esponenti li għalih għamlu riferenza l-atturi ma sarx b'mod klandestin u inoltre l-esponenti la waqqa ħajt diviżorju ta' l-isqaq u l-anqas għamel ebda xogħlijiet 'l barra mil-konfini tal-proprjeta' tiegħu, u wisq anqas fit-triq *de quo*.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll;

Illi huwa stabilit li fl-azzjoni ta' spoll huwa meħtieġ jiġu ppruvati tliet elementi: (1) il-pussess; (2) it-teħid tiegħu b'egħmil tal-konvenut u (3) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn. Il-piż tal-prova tal-eżistenza tat-tliet elementi fuq imfissra jaqa' fuq min ikun fetaħ il-kawża u allega l-ispoll;

Illi fir-rikors ġuramentat innifsu, l-atturi jistqarru li l-ispoll seħħ **"f'dawn l-aħħar xahrejn u eżattament fis-16 ta' Mejju 2007 u fil-ġranet ta' qabel**". Hija għalhekk fuq din il-premessa li t-talba tagħhom li jiġi ddikjarat li l-konvenut ikkommetta spoll bi ħsara għalihom għandha tiġi kkunsidrata. Din il-kawża ġiet ippreżentata fis-16 ta' Lulju 2007 u għalhekk eżattament xahrejn wara s-16 ta' Mejju 2007. Konsegwentement skont l-atturi nfushom l-att spoljattiv inbeda qabel it-terminu dekadenzjali ta' xahrejn, għalkemm tlesta' wara;

***Fatti***

Ikkunsidrat:

Jirriżulta li s-*surveyor* mar fuq il-post fl-14 ta' Mejju 2007 (fol. 119) fuq talba tal-atturi;

Skont l-attur **Joseph Galea** (affidavit fol.109) għal nofs Mejju l-attur **kien ħammel għall-pedament qabel kellmu Pawlu u waqaf**, u l-għada kien mar Mario s-surveyor. Sussegwentement tefa' l-konkos u bena l-ħajt.

Ix-xhud jgħid ukoll li wara nofs Mejju, Wayne baqa' jibni (fol. 103).

L-attur **Carmelo Galea** xehed li "attwalment hemmhekk x'hin beda jsir ix-xogħol għajjatna lil Mario Attard Trevisan, u għal xi xmien waqaf il-ħajt jinbena. X'ħin reġa' tkompla Mario Attard Trevisan qalilna aħjar tkellmu l-avukat..." (fol. 76)...

"Eżattament bl-amment id-data ma nafx, kien għal nofs Mejju... konna għajjatna lil Mario fuq il-post" (fol 78). Il-ħajt dejjem inbena biċċa biċċa minn missier l-attur. L-ewwel inbniet il-parti ta' fuq, maġemb ir-remissa, li l-atturi m'għandhomx oġġezzjoni dwarha. Imbagħad "f'nofs Mejju kien għadu ħa jibda l-parti t'isfel tal-ħajt. "'l isfel ma kienx hemm xejn, kien hemm viċin il-ħnejja ta' ħdejn ir-remissa" (fol 79). Mistoqsi jekk fil-parti t'isfel kienx hemm pedament, wieġeb "mill-isfel ma kien hemm xejn" (fol 80).

Is-surveyor **Mario Attard Trevisan**, xhud tal-atturi, m'għarafx iwieġeb setax ikun li fl-14 ta' Mejju 2007 kienx hemm is-suletta tal-konkoż lesta "Jekk kien hemm is-suletta ma nistax immerik biss il-ħajt żgur ma kienx hemmhekk" (fol 63) jew jekk kienx hemm l-ewwel filata lesta(fol 125).

L-attur Carmelo Galea  fl-affidavit tiegħu jikkontradixxi dak li hu stess ħalef fir-rikors ġuramentat, li fih  jgħid li sa nofs Mejju 2007 ma kienx sar l-ebda xogħol, mentri fir-rikors ġuramentat jgħid li x-xogħol inbeda fis-16 ta' Mejju 2007 u fil-jiem ta' qabel.  Jikkontradixxi wkoll lill-atturi l-oħrajn – Joseph Galea li qal li sa nofs Mejju kienet tħaffret it-trinka biex isir il-pedament tal-ħajt; u l-attur l-ieħor Pawlu Galea Skont l-attur Pawlu Galea: "għall-ħabta ta' nofs Mejju 2007 Wayne kien beda jagħmel xogħol ta' taħmil sabiex ilesti l-pedament tal-boundary wall. Dan kien wiesa għall-ħajt dobblu" (fol 102).

Mix-xhieda tal-atturi ma jirriżultax meta beda x-xogħol, iżda meta ndunaw bih u ċjoe` fl-14 ta' Mejju 2007.  Anke jekk ix-xogħol beda dakinhar, kienu għaddew iktar minn xahrejn meta infetħet din il-kawża.

Il-konvenut, f'affidavit tiegħu stess, stqarr li l-konkos intefa' għall-bidu t'April 2007 u  xi ġimgħatejn wara inbnew erba' filati tal-kantun dobblu. Huwa stqarr ukoll li x-xogħlijiet li għalihom saret riferenza mill-atturi fir-rikors promotur tagħhom ma sarux la fis-16 ta' Mejju 2007 u l-anqas fix-xahrejn preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni".    Jistqarr li wara l-14 ta' Mejju 2007 l-atturi imblukkawlu l-aċċess għall-proprjeta` tiegħu u ma setax ikompli jaħdem.  Ma sar l-ebda kontro-eżami tal-konvenut.  Madanakollu, ix-xhud Attard Trevisan saħaq iżda illi fit-22 ta' Ġunju 2007 (fol 124) reġa' aċċeda fuq il-post fuq talba tal-atturi: "il-panic li kien inqala' dakinhar filgħodu kien li l-klijenti tiegħi raw li qed jinbena l-ħajt mingħajr ma aħna għamilna l-marki u ġew għalija l-ufficċju fis-sebgħa ta' filgħodu"; "the day of 22nd jekk inti tgħidli kienx hemm filata jew tliet filati, għandi d-dubbji. Jgħid ukoll li dakinhar ra b'għajnejh il-ħajt ikompli jinbena.  Anke l-atturi xehdu li x-xogħol tkompla wara nofs Mejju 2007.  Il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx il-verżjoni tal-atturi li x-xogħol tkompla wara nofs Mejju 2007, anke għaliex huma kkorroborati mix-xhieda tas-surveyor li jagħmel xogħol kemm għall-atturi kif ukoll għall-konvenut u għalhekk jista'

jitqies xhud newtrali. Min-naħa l-oħra l-istess xhud m'għarafx jgħid jekk kienx sar xi xogħol meta aċċeda fuq il-post fl-14 ta' Mejju 2007. L-atturi nfushom (għajr Carmelo Galea) ilkoll jikkonfermaw li x-xogħol inbeda almenu fil-14 ta' Mejju 2007;

***Kunsiderazzjonijiet legali***

Ikkunsidrat:

Illi huwa stabbilit li t-terminu ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza li dwaru jrid jingħad illi filwaqt li fis-sentenza a **Vol. XXXVII**.i.**280** jinsab rikonoxxut li teżisti ċerta diskordanza fid-duttrina dwar minn meta għandu jibda jgħaddi, eppure skond ġurisprudenza li tidher l-aktar prevalenti, dan jiddekorri mid-data tal-kommissjoni ta' l-att turbattiv u mhux *a die scientiae*[1];

Illi pero` hawnhekk iqum il-kweżit: minn meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' xahrejn – minn meta jibda jiġi kommess l-att spoljattiv, jew meta jispiċċa? F'dan il-każ: f'dik il-ġurnata (jew jiem) li fih sar it-taħmil tat-trinka, jew meta l-ħajt inbena sal-istat li fih kien jinstab meta l-konvenut waqaf mix-xogħol fuqu?

Skont il-ġurista **Ettore Protetti**[2]

> "S'intende compiuta la lesione con un solo atto, quando questo e` l'unico che abbia leso il possessore.
>
> "Da tale atto, idoneo obbiettivamente e subbiettivamente a determinare la monomissione dello stato di fatto, decorre il termine per l'utile esperimento

---

[1] Ara Alfonso Sammut -vs-Victor Mallia *et*, Qorti Civili, Prim' Awla, 24 ta' Gunju1971; Michelangelo Fenench *nomine* -vs-Alfred Camilleri, Qorti Civili, Prim' Awla, 22 ta' Frar 1992 u Dr.Victor Sultana -vs- Carmelo Gafa`, Appell, 26 ta' Mejju1998; Zammit Nicholas v Camilleri Alfred 30.06.2004 Prim'Awla per Onor. Imħallef Philip Sciberras

[2] Le Azioni Possessorie, 2a ed. (1961), paġna 167 u 168

dell’azione.

“Pertanto, se avvengono atti successivi di spoglio, che sia pure distinti, sono collegati tra loro in modo da costituire una progressione del primo atto, si ha riferimento per la decorrenza all’atto iniziale di spogliazione del possesso[3], anche se, pur non esaurendo l’*iter* esecutivo, ne rappresenti l’inizio[4].

“Si ha lesione del possesso con atti successivi, quando ciascuno di essi dia di per se` idoneo a costituire spoglio.[5]

“Pertanto il termine dell’azione decorre da uno qualunque di essi, anche dall’ultimo, se lo spogliato ha tollerato i primi.

“Nel caso invece che la pluralita` di atti sono collegati e diretti contro lo stesso possessore, ispirati ad un unico fine e con unica intenzione, per modo che tali atti debbano considerarsi come continuazione ed ulteriore esplicazione del primo, il termine per la proposizione dell’azione decorre dal primo atto di spoglio”[6];

L-istess jingħad fl-opra iktar riċenti ta’ **Cian & Trabucchi**[7]:

“Quando gli atti sono tra loro **autonomi** e integrano altresi` **distinte fattispecie di spoglio o turbativa**, anche se dirette contro lo stesso bene e una medesima situazione possessoria, il termine decorre *ex novo* per ognuno degli atti stessi (C90/7865.

“Quando gli atti sono tra loro **autonomi**, ma insufficienti a integrare, singolarmente, gli estremi dello spoglio, l’anno utile decorre dall’ultimo di essi, da quello cioe`che ha infine realizzato lo spoglio.

“Al fine di distinguere gli attti autonomi da quelli connessi, diremo che sono **connessi** quegli attri tra i quali esista connessione sia oggettiva (atti diretti a realizzare un’unica fattispecie di turbativa), sia soggettiva (atti posti in essere da un unico autore), di modo che, legati da un nesso inscindibile di dipendenza, tali atti si manifestano come realizzazione di un medesimo *iter esecutivo* (as es., saranno obiettivamente collegati quegli atti compiuti da colui che per impedire il passaggio allarghi di giorno in giorno una stessa

[3] giurisprudenza pacifica: Cass. 20 gennaio 1951, n. 180, in for pad., 1951, I, 1, 464; Cass. 28 dicembre 1954, n. 4625, in Mass. Giur. It., 1954, 1043
[4] Cass 20 gennaio 1951, n. 180 cit.
[5] Cfr. In dottrina Greco G., Lesione di possesso, atti successivi e decorrenza del termine per la proposizione dell’azione, in Sinossi giur., 1949, fasc. 640, art. 1168, e in Giur. It., 1953, 42, 359
[6] Trib. Rossano 9 giugno 1952 in Giur. It., 1953, I, 2, 360; Cass. 6 giugno 1959, Mass. Giur. It. 1959, 352.
[7] Giorgio Cian & Alberto Trabucchi, Commentario breve al codice civile, 13a ediz. (2018), dwar Art. 1168-1170 tal-kodiċi ċivili Taljan, paġna 1236

> buca nella strada, ma constituiranno atti distinti ed autonomi quelli diretti a creare, pur nell'ambito dello stesso piano illecito di disturbo, nuovi impedimenti, ad es. con nuove buche)";

Illi m'hemmx dubbju li t-taħmil tat-trinka, it-tqegħid tal-konkoż bħala suletta jew pedament, u l-bini tal-ħajt huma lkoll atti konnessi ma' xulxin, imwettqa fl-istess iter eżekuttiv. Tabilħaqq, kien bit-tħaffir tat-trinka li djieq il-passaġġ; l-atti suċċessivi ma kkontibwew xejn biex ikompli jidjieq il-passaġġ [8]. Għalhekk il-Qorti trid tħares lejn l-ewwel att tal-ispoll u ċjoe` it-taħmil tat-trinka. Dan twettaq qabel is-16 ta'Mejju 2007 u għalhekk sakemm ġiet istitwita din il-kawża laħaq għadda t-terminu dekadenzjali tax-xahrejn. Ġaladarba nstab li l-atturi naqsu li jressqu l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma hemm bżonn li l-Qorti tistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-egħmil li bih il-pussess ikun ittieħed[9];

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-atturi billi l-azzjoni ġiet istitwita fuore termine l-perjodu dekadenzjali ta' xahrejn.

Bl-ispejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

[8] a skans ta' ekwivoku, fil-kelma 'passaġġ' il-Qorti qed tinkludi kemm il-parti 'karrabbli' kif ukoll dik li kienet mimlija ħaxix

[9] App. Ċiv. 19.4.1999 fil-kawża fl-ismijiet Sammut vs Sammut, Kollez. Vol: LXXXIII.ii.72